

18.10.2018

A8-0348/45

Emenda 45

Claude Moraes

f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapport

A8-0348/2017

Jeroen Lenaers

L-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment

(COM(2016)0881 – C8-0532/2016 – 2016/0407(COD))

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva

Paragrafu 1a (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva

Emenda

1a. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill meħmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

Or. en

Għal skopijiet ta' informazzjoni, it-test tad-dikjarazzjoni huwa li ġej:

"Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (dwar l-Irlanda/Ritorn)

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni, mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħha ta' inizjattiva, biex ladarba l-Irlanda tipparteċipa fid-Direttiva 2008/115/KE tivvaluta s-sitwazzjoni legali skont it-Trattati u l-Protokolli rilevanti u, skont ma jkun meħtieġ, tippreżenta proposta leġislattiva biex tippermetti li l-kooperazzjoni dwar ir-ritorn bejn l-Irlanda u l-Istati Membri l-oħra tkun tista' titwettaq permezz tas-SIS."